DEĊIŻJONI (UE) 2021/2254 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/1997 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħrug ta' muniti fl-2021

(BĊE/2021/53)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(7) tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Skont l-estimi tad-domanda għall-muniti tal-euro fl-2021 li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE, il-BĊE approva l-volum totali tal-muniti tal-euro intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u l-muniti tal-euro għall-kolletturi mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni fl-2021 fid-Deċiżjoni (UE) 2020/1997 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2020/57) ([2]).

(3) Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2015/43), Stat Membru taż-żona tal-euro għandu jinnotifika lill-BĊE jekk id-domanda reali għall-muniti tal-euro aktarx li taqbeż il-volum approvat ta' ħruġ ta' muniti f'sena kalendarja u għandu jitlob approvazzjoni *ad hoc* għal volum addizzjonali ta' ħruġ ta' muniti f'dik is-sena kalendarja jekk iż-żieda fid-domanda għall-muniti tkompli.

(4) Fit-22 ta' Novembru, il-BĊE irċieva talba mis-Central Bank of Ireland f'isem l-Irlanda biex jiżdied il-volum ta' muniti tal-euro li l-Irlanda tista' toħroġ fl-2021, b'volum addizzjonali ta' EUR10 miljun minn EUR 16.3 miljun għal EUR 26.3 miljun biex ikun jista' jwieġeb għal żieda sinifikanti fid-domanda għall-muniti b'rabta ma' tnaqqis fid-depożiti tal-muniti fl-2021 meta mqabbel mal-2020 u ma' domanda ikbar milli stmata prevista għall-perjodu ta' qabel il-Milied fl-2021.

(5) Skont l-Artikolu 3(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43) il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjoni individwali dwar it-talba *ad hoc* għal approvazzjoni, meta ebda modifika għat-talba *ad hoc* tkun meħtieġa.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2020/1997 (BĊE/2020/57) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

It-tabella fl-Artikolu 2 tad-Decizjoni (UE) 2020/1997 (BĊE/2020/57) hija emendata kif gej:

ir-ringiela dwar l-Irlanda hija mibdula b'li ġej:

"L-Irlanda	25,8	0,5	26,3".

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.

([2]) Deċiżjoni (UE) 2020/1997 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2021 (BĊE/2020/57) (ĠU L 410, 7.12.2020, p. 104).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Diċembru 2021.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE